MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 2112/1999/1

**White Brothers Limited**

**vs**

**Freight Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 4 ta’ Ottubru 1999 ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn esponiet: -

Illi l-kumpanija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' hamest elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,721.80) liema ammont hu dovut ghas-servizzi provduti minn White Brothers Limited fuq inkarigu tal-istess kumpanija konvenuta kollox kif jirrizulta mill-prospett Dok. A.

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm-il darba sabiex thallas anke' permezz ta' ittra ufficjali datata sittax (16) ta' Settembru 1999, baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, *stante* li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, l-kumpanija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-kumpanija attrici qieghda tannetti affidavit immarkat Dok. B *a tenur* tal-istess Kodici tal-Procedura Civili.

Tghid ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: - .

1. Tiddeciedi skont it-talba bid-dispens tas-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' hamest elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm5,721.80).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata sittax (16) ta' Settembru 1999 u tal-mandati ta' sekwestru pprezentati kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Freight Services Limited datata 11 ta' Novembru 1999 (fol 24) fejn esponiet:-

1. Illi qabel xejn trid issir prova dettaljata da parti tas-socjeta` attrici rigward l-ammont minnha mitlub.

2. Illi fi kwalunkwe kaz kull ammont li jista' jirrizulta illi huwa talvolta dovut mis-socjeta` esponenti lis-socjeta` attrici, jinsab eccedut minn ammont iehor dovut mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u *quindi* ghandu jigi kompensat kontra dak li hu dovut mis-socjeta` esponenti.

Rat in-nota l-**Kontro-Talba** tas-socjeta` Freight Services Limited datata 11 ta' Novembru 1999 (fol 25) fejn esponiet:-

Illi s-socjeta' Freight Services Limited matul ix-xhur ta' Dicembru 1998 u Jannar 1999, ipprestat servigi lis-socjeta' White Brothers Limited, konsistenti fil-gestjoni ta' dak kollu li kien jirrigwarda xoghol doganali, attendenza fil-port u fl- ajruport, irtirar ta' merkanzija, attendenza f'Dipartimenti tal-Gvern, u korrispondenza kummercjali u xoghol iehor ancillari fuq ordni tal-istess White Brothers Limited, li kienu kuntratturi tas-socjeta' estera SAIFAM li kienet qed taghmel xoghlijiet ta' esplorar ta' zejt fil-bir ta' Kercem, Ghawdex.

Illi l-ammont dovut lil Freight Services Limited ghal dawn ix-xoghlijiet jammonta ghal disghat elef mija u disgha u sebghin Lira Maltin (Lm 9,179) skont zewg prospetti ezebiti u markati dokumenti A u B.

Illi ta' dan ix-xoghol is-socjeta' Freight Services Limited baqghet ma thallsitx minghand White Brothers Limited, tghid is-socjeta` White Brothers Limited il-ghala:

1. Ma ghandhiex tigi dikjarata bhala debitrici tas-socjeta' Freight Services Limited fl-ammont imsemmi ta' Lm9,179 *oltre* l-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura relattiva, u;

2. Ma ghandhiex konsegwenzjalment tigi kkundannata li thallas l-ammont imsemmi bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 4275/99 lis-socjeta' Freight Services Limited.

Is-socjeta' White Brothers Limited tibqa' ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija attrici ghall-Kontro-Talba tal-kumpanija konvenuta (fol 31) datata 19 ta' Novembru 1999 fejn esponiet.

1. Illi t-talbiet tal-kumpanija konvenuta ghanhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li s-somma mitluba mhix dovuta kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpanija attrici datata 16 ta' Marzu 2004 (fol 866).

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` konvenuta datata 17 ta' Mejju 2004 (fol 877).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza kien imhollija ghas-sentenza ghas-17 ta' Jannar 2013.

Rat in-nota tas-sorruga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2013 quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li l-Qorti ghandha bzonn iktar zmien biex tiddeciedi s-sentenza, baqghet differita ghall-iskop tal-ahhar verbal ghat-28 ta' Frar 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz tal-kawza odjerna, is socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` debitrici tkun ikkundannata thallasha s-somma ta' €13,328.20 (gja Lm5,721.80 ) prezz ta' servizzi prestati fuq inkarigu tal-istess socjeta` debitrici. Dawn is-servizzi gew ipprovduti bejn il-25 ta' Lulju 1997 u t-18 ta' Novembru 1998. Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta qed issostni li, previa prova dwar l-ammonti pretizi, xorta

ma hemm xejn dovut peress li din tinsab kompensata minn ammont iehor li s-socjeta` attrici ghandha thallasha. Freight Services Limited ipprezentat **kontro-talba** li permezz taghha talbet li is-socjeta` attrici tigi dikjarata debitrici taghha fl-ammont ta' €21,381.31 (gja Lm9,179) prezz ta' servizzi prestati matul ix-xhur ta' Dicembru 1998 u Jannar 1999.

Il-vertenza bejn il-kontendenti tikkonsisti f'kontestazzjoni dwar is-servizzi allegatament prestati mis-socjeta` konvenuta, u dwar ir-rata ta' hlas taghhom. Dwar it-talba principali mressqa mis-socjeta` White Brothers Limited, din hija sostnuta permezz ta’ diversi *invoices* mibghuta lis-socjeta` konvenuta, li kopji taghhom huma annessi mac-citazzjoni li jammontaw ghas-somma mitluba. Jinghad mill-ewwel li s-socjeta` konvenuta ma ikkontestatx il-veracita taghhom, u lanqas l-ammonti mitluba u l-kaz shih zvolga fuq ezami tal-pretensjonijiet rikonvenzjonali.

**MARIO CIANTAR General Manager** tas-socjeta` attrici xehed li gew inkarigati mis-socjeta` konvenuta biex jikklerjaw merkanzija impurtati mill-klijenti taghha. Ikkonferma l-*invoices* a fol 6 et seq tal-process u spjega li dawn jirraprezentaw ix-xoghol prestat. Dawk intestati bhala *debit notes* kienu jirraprezentaw spejjez involuti f'dik il-konsenja li ma kienux idahhluhom bhala spejjez taghhom imma jnizzluhom bhala *debit note*. "*Dawn l-invoice notes kienu johorgu regolari skont id-data. Qatt ma kien hemm kontestazzjoni fuqhom u lanqas ircevejt xi ittra jew karta fuqhom.*"[1] Hu esebixxa kopji tal-*invoices* originali.[2]

Is-servizzi prestati minn Freight Services Limited kienu jikkonsistu fil-gestjoni ta' dak li jirrigwarda xoghol doganali, attendenza fil-port u fl-ajruport, irtirar ta' merkanzija, attendenza f'Dipartimenti tal-Gvern u korrispondenza kummercjali flimkien ma’ xoghol ancillari, li ordnawlhom is-socjeta` attrici bhala kuntratturi tas-socjeta` estera

[1] Fol.245 tal-process
[2] Fol. 42 sa' 242.

SAIPEM li kienet qed taghmel xoghol ta' esplorar ta' zejt fil-bir ta' Kercem, Ghawdex.

**KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI**

Mhux ikkontestat li l-partijiet huma kompetituri u jahdmu fin-negozju ta' Haulage, Lifting u Customs Services. Jirrizulta mhux ikkontestat ukoll li Vito Aufieri, li hu Direttur tas-socjeta` Freight Services Limited, kien impjegat mas-socjeta` attrici personalment bejn is-sena 1994 sat-3 ta' Dicembru 1998.[3] Fil-kors tal-impieg tieghu, u bil-konsapevolezza tas-socjeta` attrici, kien impjegat mas-socjeta` konvenuta wkoll. Matul il-kors tal-impieg tieghu ma' White Brothers Limited, Aufieri kien inkarigat biex jiehu hsieb is-*support services* lejn kumpanija estera bl-isem *Saipem* li kienet qed thaffer iz-zejt, u li kien il-klijent tal-White Brothers Limited. Wara li ttermina l-impieg tieghu, sar arrangament sabiex ikompli jiehu hsieb dan ix-xoghol ta' Saipem sakemm jinstab sostitut u effettivament kompla jahdem hekk sal-21 ta' Jannar 1999.

Il-vertenza ghalhekk hija dwar il-valur tas-servizzi li gew prestati tul dan il-perjodu bejn it-3 ta' Dicembru 1998 u l-21 ta' Jannar 1999 ossia 49 gurnata, kif ukoll dwar jekk dawn is-servizzi kienux prestati minn Aufieri personalment jew *tramite* s-socjeta` li taghha kien direttur.

**Mario Ciantar** esebixxa l-Fs3 u *payslips* ta' Aufieri[4] peress li jippretendi li l-valur tas-servizzi rezi m'ghandux jeccedi iktar mill-ammont ta' paga li seta' jippercepixxi minn ghandhom ghall-perjodu ta' 49 gurnata . Skont is-socjeta` attrici dan m'ghandux jeccedi €1397.62 ossia Lm600[5]. Meta ittermina l-impieg huma offrewlu li jkompli jiehu hsieb il-kuntratt tas-*Saipem* sakemm isibu iehor biex jirrimpjazzawh. "*Ahna ftehma mieghu personalment biex jibghatilna l-kontijiet halli nhallsuh".*[6]

[3] Nota sottomissjonijiet attrici a fol 867
[4] Fol.299 sa' fol.306
[5] Nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat.
[6] Fol.246.

Hu pprezenta *statement* **(DOK D)** li hija interpretazzjoni tas-socjeta` attrici tal-kont mibghut mis-socjeta` konvenuta "li gabha f'total ta' Lm1,055.47 (€2,458.44)" [7] u accetta li dan hu l-ammont dovut.[8] Hu spjega li waslu ghall-komputazzjoni taghhom a bazi ta' kontijiet li l-kumpanija Freight Services stess kienet tibghatilhom tal-istess xoghlijiet.[9] U allura l-Qorti tifhem li uzaw l-istess rati. In kontro ezami spjega li riferibbilment ghal dan il-prospett (**DOK D)** li hadem l-ammont a bazi tal-*invoices* li kienet tibghat il-kumpanija konvenuta qabel, liema *invoices* huma esebiti wkoll a fol 290 et seq. Dawn id-dokumenti huma datati 1994 u hu xehed li "*ir-rati ta' meta sar ix-xoghol fil- 1999 zgur ma irduppjawx ghax jien nahdem f'dak ix- xoghol"*[10]*.*

Kompla jixhed li meta wasal ghall-konkluzjoni fuq il-kont tas-socjeta` konvenuta ma hax in konsiderazzjoni il-klijent min kien ghaliex *"m'ghandux x'jaqsam - ghandu x'jaqsam biss ix-xoghol li qed taghmel. Jien hadt in konsiderazzjoni 49 days. Dan invosja Lm9000 fuqhom. 'Out of pocket expenses' dejjem hargithom White Brothers. Ahna l-ftehim mas-Sur Aufieri kien mill-bidu ghall-uzu tal-karrozza. Id-diesel konna naghtuhulu ahna kif ukoll nisservizjawlu. Tal-uzu ma hallasniehx ghax telaq f'nofs il-kuntratt.*[11]*"*

L-istess ragunar applikawh ghall-fatturi dwar *use of company car* peress li skont hu, ma kienux ftehmu fuq rati, u assumew a bazi tax-xoghol u kif kien jinvojsjahom qabel ghal xoghol simili. Hu spjega wkoll xi diskrepanzi lampanti. Per ezempju Item: Inv. 16107 a fol. 28 tal-process ghas-somma ta' Lm1801 - skont l-invoice tal-kumpanija attrici juri li l-*item* huwa *consultancy fee* "pero` kull bicca xoghol li saret kien hemm invoice taghna u din gja inkluza." L-*invoice* 16104 mhux dovut ghaliex il-*calls* kienu gja jithallsu mis-socjeta` attrici.

---

[7] fol. 243 u 244.
[8] Ibid.fol. 246.
[9] Ibid.
[10] Fol.315
[11] Fol.317.

L-istess **Mario Ciantar** xehed ukoll li skont il-kalkoli tieghu, it-talba tas-socjeta` konvenuta tfisser hlas ta' rata ta' Lm9 ghas-siegha ghall-24 siegha fuq perjodu ta' 49 gurnata. *Ahna qatt ma kellna dan il-ftehim mas-Sur Vito Aufieri.*[12] Hu xehed ukoll li sar jaf li wara li gie iterminat il-ftehim ta' Vito Aufieri minn maghhom kien hemm avvicinament da parti tieghu lis-Saipem Limited biex jiehu x-xoghol taghhom.

Ix-xhud qal ukoll li "*ix-xoghol konna naghtuh lis-Sur Aufieri personali pero` kien jinvojsja taht Freight Services Limited.*"[13]

**Mario Ciantar imbaghad esebixxa diversi *invoices* (DOK E**) biex juri ezempji tax-xoghol moghti lill-Vito Aufieri.[14] Meta l-impieg tieghu gie terminat, is-socjeta` attrici ma kellha ebda hlas pendenti.

Riferibbilment ghall-kont mibghut mill-konvenut, **Mario Ciantar** imbaghad xehed li qabel it-3 ta' Jannar 2000 meta rcieva *delivery note*, ma rcieva ebda *manual invoice* mis-socjeta` konvenuta jew minn Aufieri. L-invoices kienu attaccjati mad-delivery note.[15] U kien f'din id-data li gew "*il- veru dokumenti.*"[16] Giet esebita ittra a fol. 313 tal-process (**DOK RZP**) datat l-10 ta' Marzu 1999 u indirizzata lil Vito Aufieri personalment, li fiha qed jintalab li jinbaghtu "*proper invoices*.".

Xehed ukoll **Stephen Farrugia,** Assistant General Manager mas-socjeta` White Brothers Limited. Hu xehed "*Jien kont rajt l-invoices biex nara naghmilx sens minnhom u ma stajtx nirrelathom inizjalment ghax dawn l-invoices kienu kollha datati l-ahhar tas-sena....Jien zammejt records tieghu ghax kont gdid fix-xoghol ...u ghaliex kelli naghmel notamenti ghaliha.*[17]" Dan ix-xhud kien izomm *records* dwar is-servizzi mehtiega mid-ditta

[12] Fol. 247.
[13] Fol.307.
[14] Ibid.
[15] Fol.314.
[16] Fol.315.
[17] Fol. 279.

Saipem, li allura ipprestahom Vito Aufieri, u jinsabu dokumentati u mmarkati **DOK SF**[18]. Il-Qorti tosserva li a fol 252 et seq uhud mill-*entries* huma immarkati *Vito* u uhud *Mario,* li x-xhud spjega jirreferu ghall-impjegat tas-socjeta` attrici Mario Montanaro li kien jaghmel xoghol ta' *customs clearance* mit-22 ta’ Jannar 1999.

Dan ix-xhud spjega fid-dettall kif wasal ghall-konteggi ammontanti ghall-likwidazzjoni tas-somma ta’ Lm1,055.47. "*Ir-records li zammejt u li ipprezentajt illum bhala **DOK SF** bdejt inqabbel mal-istatement tas-Sur Aufieri a fol 27, 28 u 29 tal-process. Jien nemmen li kull fattura li jien responsabbli ghaliha jekk ma nawtorizzahiex jien m’ghandhiex tithallas*. Il-verifika saret u fejn qablu ma’ notamenti tieghi ghidt "all right". Peress li hafna minnhom huma "purchase orders" jien ma stajtx naghmel dan." [19]

Hu esebixxa wkoll diversi dokumenti b'turija tas-sistema operata mis-socjeta` attrici fuq *purchase orders* **(DOK SF1)** li juru x-xoghol ben dokumentat. Fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-socjeta` konvenuta, izda, "*Ma stajtx nasal ghas-somma mitluba minn Vito Aufieri. Per ezempju hemm purchase orders li ghalija dehru eccessivi. Per ezempju ghax xoghol tad-dwana qisu dak li ahna niccargjaw lill-klijent gie iccargjat lilna. Meta tara li l-perjodu kien ta' 40 jum rajt li din il-figura kienet inflated...peress li meta thares lejn certu jobs individwali u tara r-rati huma eccessivi, inflated. Kieku lill-iskrivan taghna ahna hallasnih b'din ir-rata ma konniex nidhlu fil-progett jigifieri ma hrigniex bi profitt ghall-progett. Rajtha stramba li gew invoiced fl-istess gurnata ghax ahna parti mix-xoghol taghna huwa li ninvojsjaw lill-klijent - ma tista thalli xejn barra u trid taghmillu attachments ma’ dik id-data*.[20]

In **kontro-ezami** xehed **"***Meta hdimt il-valuation imxejt fuq l-istatements u ppruvajt nirrelata l-istatements mal-jobs li kienu saru li kienu jinhadmu qabel ma hadt over jien. Ma jidhirlix li mal-istatements kellna invoices dak il-hin. Kont*

[18] Fol. 251 sa 258.
[19] Ibid.
[20] Fol.280

*rajt l-istatement imma mhux l-invoice*[21]*".* Hu ha nota tax-xoghol li kien veru inhadem skont ir-records tieghu. *"F'kull kumpanija tal-freight kull job ikun illogjat......Rigward li x-xoghol kien iccargja eccessivament, dan fuq two counts, wahda charge tad-Dwana kien prattikament dak li kont niccargja lill-klijent, ..ma stajniex naffordjaw li nhallsu dawk il-prezzijiet. Fit-tieni count hafna minnhom kienu purchase orders, fil-bidu kont naghmilhom jien u mbaghad ghaddejthom lir-receptionist."* **[22]**

**Vito Aufieri xehed** li kien gie impjegat mad-ditta attrici fil-1994 izda anke qabel din id-data kellu diga` relazzjoni ma' din is-socjeta` permezz tas-socjeta` Freight Services Limited li kienet *customs broker* u bhala burdnara kienu jqabbdu lis-socjeta` attrici u vice versa. Hu qal li r-relazzjonijiet taghhom qatt ma kienu personali. Is-socjeta` tieghu kellha" *ir-rati taghha ta 'dokumentazzjoni li jibdew minn Lm5 'il fuq, kif jidher mill-fatturi li pprezentaw il-White Brothers, kien hemm varji prezzijiet, minn hames liri, ghoxrin liri eccetra, dan skont il-klijent u r-requirements mitluba*.**"[23]** Hu kompla xehed li meta telaq mill-impieg "*Huma weghduni li jhallsuni anke cash jekk hemm bzonn ghax ir-rati ma kienux problema u stajt ninvojsahom kemm ridt. Peress li kien hemm kontijiet taghna pendenti ghidtilhom hlas cash ma hemmx ghalfejn imbaghad konna naghmlu l-kontijiet wara."*

*Dwar iz-zmien meta hareg l-invoices u qal li fl-ahhar tas-sena 1998 is-sistema inqalbet mill- "ETS" ghall-VAT u x-xoghol li sar f'Dicembru kellu jigi invojsjat bhala ETS u f'Jannar bis-sistema l-gdida ta' VAT. "*F'Jannar stess ahna ipprezentajna kopji ta' *invoices* miktubin manwalment."[24] Hu esebixxa ittri skambjati bejn il-kumpaniji dwar id-dokumentazzjoni relattiva.

Huwa xehed **in kontro ezami** li hu u l-impjegati tieghu kienu involuti fix-xoghol ghas-Saipem. Xehed ukoll, fir-rigward tal-fatt li l-*invoices* hargu f'daqqa fis-sena 1999 li

---

[21] Fol.318.
[22] Fol.319
[23] Fol.332.
[24] Fol.336.

dan hu normali fix-xoghol taghhom. Peress li s-sistema kienet inqalbet ghall-VAT, kif xehed, ipprezentaw *manual invoice* max-xoghol biex jinhadmu l-*costings* filwaqt li l-*fiscal invoices* kellhom jinhargu wara li dahhlet is-sistema tal-VAT[25].

Mistoqsi dwar li l-*istatement of account* a fol 27 tal-process hareg kollu fil-11 ta' Novembru 1999 hu wiegeb li pprezentaw *statement* ta' dak ix-xahar meta fethu l-kawza. Baqa' jinsisti li l-i*statements* kienu jibghatuhom ghaliex kienu jghaddulhom kollox *by hand.*[26]

Ukoll ma ra xejn hazin li *l-invoices* fl-i*statement* a fol. 27 kienu kollha datati l-31 ta' Dicembru 1998 u kienu enumerati konsekuttivament (minghajr xi *invoice* li seta' kien jirrigwarda klijenti ohra taghhom). Hu qal li kienu jigbru ix-xoghol ta' xahar f'daqqa u johrogu l-*invoices* wara xulxin. L-istess b'riferenza ghal fol 29 li jirreferi ghax-xoghol kollu ta' Jannar. Ix-xoghol kien wiehed kbir u jinvojsjawh kollha *in a bunch.*[27]

Hu pprezenta sett ta' *invoices* li, skont hu, ghaddihom lis-socjeta` attrici qabel Marzu 1999.

Dwar *Invoice* 16107[28] ghal Lm801.44 dan jirreferi ghall-uzu  tal-karrozza tieghu. F'dokument esebit **(DOK VA1)** jghid kellu jigi ikkompensat ghall-uzu tal-van peress li iffranka lill- kumpanija milli jkollha tixtri jew tikri vettura u hu hareg l-*invoice* "*a bazi tar-rati vantaggjuzi offruti minn Wembley Motors lis-socjeta` attrici for the hiring of cars to Saipem personnel."* Dan l-Invoice hu mahrug fil-31/12/1998 ghall- perjodu minn Marzu sa Novembru 1998 u jghid "*Vito Aufieri using own company car - Lm1801.44."*

Dwar *Invoice* 16108 fl-ammont ta' Lm1512, dan jirreferi ghall-*24 hour agency fee* bir-rata ta' Lm54 kuljum ghall-perjodu mit-3 ta' Dicembru sal-31 ta Dicembru 1998. Il-Qorti tosserva li l-*invoice* a fol 638 hu ta' Lm50 (28 days) li

---

[25] Fol.370
[26] Fol.371
[27] Ibid.
[28] Fol 635

jaghmel total ta' Lm1,400 mhux Lm1,512. Hu spjega li dan l-*invoice* jikkomprendi kumpless ta' servizzi li ma setghux jiccargjaw separatament u jinkludi anke granet meta ma jidholx xoghol imma jkun *stand by.*

Dwar *Invoice 16104,* dan jirreferi ghall-kera ta' *mobile phone* ghax-xhur *Feb - Aug* 1998 meta allura kien impjegat mas-socjeta` attrici.[29]

Hu spjega wkoll li mill-Lm9179, Lm5382 jirraprezentaw *fees* ghax-xoghol inkluz *agency fees*, trasport u dokumentazzjoni. Minn dan hemm *disbursement* globali ta' Lm3018, pustagg ta' Lm36, taxxa tal-Gvern ATS Lm417, u VAT ta' Lm325[30]. Iktar tard esebixxa rendikont tal-fatturi kollha (DOK VA3[31]) u ezempji ta' fatturi li kien jibghat lis- socjeta` attrici fuq xoghol iehor li juru per ezempju, *documentation fee* ta' Lm20 u kien hemm *agency fee* ta' Lm30 jew Lm10 relatati ghas-sena1994.

Aufieri biddel il-verzjoni tieghu dwar l-ezistenza *o meno* ta' ftehim mas-socjeta` attrici dwar ir-rati ta' hlas. L-ewwel xehed li "*Jien ftehemt mal-White Brothers permezz ta' faxes u qatt ma wegbuni ... Din is-somma (ta' Lm50 kuljum) giet miftehma anke qabel meta jien kont prezenti bhala impjegat mal-White Brothers. Intalbet lis-Saipem. Lil dawn intalbu Lm90 kull shift. "*Imbaghad jixhed*: "Ahna ma ftehemniex Lm50 ma' White Brothers ghax ma tawnix cans. Qatt ma kien hemm xejn miftiehem ma' White Brothers lanqas fuq dokumenti, lanqas fil-passat, lanqas il-Lm45 a day, on call, lanqas kienet bhal affarijiet ohra. Pero` huwa xoghol li sar.*[32] Hu jghid li minnkejja l-assenza ta' ftehim,[33] peress li kien hemm urgenza tax-xoghol, kompla jipprestah.

Fil-kors tas-seduti hareg suspett li **Vito Aufieri** kien qed jircievi *commissions* minn lukandi jew *restaurants* fuq xoghol konness mas-Saipem b'detriment ghas-socjeta`

[29] Fol. 630
[30] 379
[31] Fol. 848 sa 857
[32] Fol. 380
[33] Ibid.

attrici. Mistoqsi jekk hax xi *commission* minn xi lukanda, hu cahad[34]. Dan hu kontradett b'dak rizultanti minn dokument esebit minnu stess anness mal-*Invoice* 19904 a fol.656 konsistenti f'*fax* mibghut minn Vito Aufieri lil SMS fejn hemm l-istruzzjonijiet "*to be invoiced to White Freight Services, commission for Freight Services Limited."* Rinfaccjat b'dan l-invoice, ix-xhud qal li dan kien "kaz partikolari" li gara fis-sena 1999, cioe` tliet snin qabel. Spjega mbaghad li kellhom bhala Freight Services Limited jikru lukanda f'Malta u bhal kull agenzija, kellhom dritt ghal *commission.* [35]

Hu xehed li meta l-lukanda ma tkunx tenderjata, kien jiehu *commission* meta jsib hu. Lanqas ma nforma lis-socjeta` attrici dwar il-*commisions.* Qal ukoll li l-*commission* kien jehodha mhux biss ghall-lukanda imma fuq xi *taxi* wkoll.

Jidher li dawn il-*commissions* kienu jithallsu ad insaputa tas-socjeta` attrici minnkejja li SMS kienet tipprovvdi s-servizzi lill-atturi. Aufieri ammetta wkoll li l-SMS kienu johorgu invoice lil White Brothers Limited u "il-commission tieghi probbabilment kienet inkluza f'dan l-invoice"[36] Mistoqsi jekk jafx jekk dan hu illegali wiegeb: "*Jien ma kellix kopja tal-invoice tal-SMS li ntbaghtet lil White Brothers. Mbaghad ma niccekkjax jekk tkunx hargitli l-commission."* Imbaghad qal li mill-*invoices* forsi jinsab ammont inqas minn Lm50 f'*commissions*.

**Hu xehed ukoll:**
"**Risposta**: *L-SMS dejjem tawna credit lil Freight Services Limited.*
***Domanda:*** *Min kienet il-persuna l-SMS?*
***Risposta****: Ma niftakarx. Ma niftakarx min kien hemm u nirrifjuta naghti ismijiet."*[37]

Wara din ix-xhieda s-socjeta` attrici talbet u giet awtorizzata tressaq tliet xhieda ohra fir-rigward tal-*commissions* imhallsa lil Aufieri. Esebiet diversi dokumenti

[34] Fol. 381.
[35] Fol. 382.
[36] Fol. 383
[37] Fol. 384.

b'nota datata 24 ta' Settembru 2002[38] li jinkludu kopji ta' *complimentary slips* bl-isem "Transworld Logistic Services"(fol 803).

**Debbie Brownrigg ex impjegata mal-SMS Ltd.** xehdet li kienu jhallsu *commissions* (minn SMS) lil diversi nies, fosthom Mr. Aufieri. Hi spjegat li *credit note* tfisser *commission. "Il-commissions kienu jithallsu lil Mr. Aufieri bhala Freight Services Limited..kienu johorgu l-credit notes through us.*...*Il-credit notes johorgu meta l-klijent ikollu x'jaghti u dawn kienu johorgu biex jinqatel dan il-bilanc* ".Hi xehdet li s-socjeta` konvenuta kienet ukoll klijenta tal-SMS.
**Bernard Muscat** li kien l-Air Freight Manager mal-SMS ikkonferma l-*original delivery order* a fol. 800 tal-process u l-*credit note* a fol. 801 mahrug favur *Trans World Logistic Services.* Ikkonferma li dawn iz-zewg dokumenti kienu relatati u li l-firma kienet tieghu. Hu kkonferma li White Freight Servces Ltd kienet responsabbli ghall-kuntratt ta' Saipem u kienu jahdmu mal-SMS Shipping li kienu hadu l-kuntratt. Hu xehed "*Dak iz-zmien ahna kellna instructions minn White Freight Services Ltd li l-credit note nohorguhom f'isem Transworld Logistic Services.....ghalija White Freight Services Ltd dak iz-zmien equals Ronald Simiano..Il-credit notes konna nghadduhom lil Ronald Simiano*[39]*.*

Xehed ukoll **Bernard Sultana**, Direttur tad-ditta S. Mifsud & Sons. Ltd. li qal li kellu laqgha ma' Mario Ciantar, missieru u l-*accountant* fis-sena 1999 u attirawlu l-attenzjoni li kien hemm *invoices* li kienu originaw minn SMS u jmorru l-*air cargo office* taghhom, u wara jigu *channelled* lil White Brothers. Imbaghad kien ikun hemm zieda fil-kont li skont il-White Brothers ma kienux korretti. Mill-investigazzjoni tieghu "*irrizultali li x-xoghol kien jigi cleared minn Transworld Services jew Vito Aufieri. Talli kien isir il-clearance tal-invoices dan kien il-fee dovut lil Trans Services. Minn dak li stajt nifhem Transworld Services kienu qed jaghmlu servizz addizzjonali ghal li*

[38] Fol. 799
[39] Fol. 821 - 823

*kont qed naghmel jien u ta' dan kienu qed jithallsu commission. Kien johrog credit note...L-ammont ta' commissions pagabbli kienet somma konsiderevoli."*[40] Hu spjega li din il- *credit note* tista’ jew tissarraf b'cekk jew tintuza bhala tpacija.

Mir-ricerka li ghamel sab "li *Transworld Logistics*, SMS hallsuhom total ta’ Lm5,981" *in respect of various items li kienu fil-kont taghhom. Dawn l-items huma subdivizi f’ commissions fuq airway bills u affarijiet ohra deskritti bhala fob/disbursements...relatati ghall-perjodu early 1998 sa early 1999*". Dawn saru "*b' cekk payments. ..meta dhalt fid-dettall irrizultali li Transworld Logistics kien jezisti u warajh kien hemm Mr. Vito Aufieri u persuna ohra li ma nistax niftakar x'jisimha, Mr. Simiana."*

**Vito Aufieri** rega' gie prodott biex jaghti x-xhieda tieghu u kkonferma li n-numru fuq letterhead *A & S Consult Limited*[41] kemm tat-telefon kif ukoll tal-*fax* kienu tieghu kif hu tieghu n-numru fuq il-*complimentary slip* ta' Transworld Logistics Services.[42] Izda ma setax jispjega kif in-numri tieghu jinsabu fuq il-*complimentary slip* u xehed li seta’ kien hemm diskors ma’ Simiana ghat-twaqqif ta’ din il- kumpanija li izda sfaxxaw fix-xejn. Madanakollu l-indirizz 51 St. Luke's Road G'Mangia muri fuq il-*complimentary slip* u *letterhead* hija ta' post li hu tieghu, "*hanut maghluq.* Cekkijiet qatt ma ircieva u qatt ma sarraf.[43]

Hu wkoll ikkontradixxa ruhu meta xehed li l-ewwel darba li ra l-*letterheads* kien meta kien ghadu impjegat mal-White[44] izda qaleb id-diskors u qal li rahom fis-seduta "*ma jidhirlix li rajthom qabel."*[45]

**Mario Ciantar,** meta rega’ gie riprodott spjega li kienu sabu l- *complimentary slips* fil-karrozza tal-kumpanija li

---

[40] Fol. 825

[41] fol 803
[42] Ibid.
[43] Fol. 832.
[44] Fol. 834
[45] Fol. 835.

kienet f'idejn Simiana meta spicca minn maghhom. Sar jaf b'dan wara li nfethet il-kawza. Il-laqgha ma' Sultana sehhet wara li telaq Aufieri minn maghhom. Is-socjeta` attrici ma hadet ebda passi kontra Vito Aufieri. Rigward il-*credit note esebit a fol 799 et seq tal-process hu spjega li din kienet giet immarkata confidential* minghand l-SMS indirizzata lis-socjeta` White Brothers Limited, *by hand* lil Ronald Simiana. L-*invoices* normali jigu bil-posta u niftahhom kollha jien."

**IKKONSIDRAT**

Dwar it-talba attrici, dan gie sostnut permezz ta' *invoices* ikkonfermati mir-rappresentant tas-socjeta` attrici u li ma gewx ikkontestati. Ghalhekk din il-Qorti ssib li dawn it-talbiet ghandhom jigu milqugha.

Dwar dan il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li gie ritenut minnha diversament presjeduta fil-kaz ***Marianna Spiteri et vs Joseph Vella (PA AJM)*** *deciza fit-3 ta' Mejju 1993 fis-sens li :*

*"L-artikolu 1196 tal-Kodici civili jistabbilixxi li meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija ipso iure. Din it-tpacija ssir anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-artikolu 1197 tal-istess Kodici jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur."*

**Tibqa' ghalhekk l-ezami tat-talba rikonvenzjonali sollevata mis-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` attrici strahet fuq lanjanzi, u cioe`, li t-tpacija ma tistax treggi, li s-somma mitluba kienet eccessiva, u fl-ahhar, li l-applikazzjoni tal-principju ta' ordni pubbliku *fraus omnia corrumpit* ghandha tkun ta' piz fid-

deliberazzjonijiet tal-Qorti (din tal-ahhar sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet u li ghaliha wiegbet is-socjeta` konvenuta).

**TPACIJA**

Is-socjeta` attrici eccepiet li ma hemm xejn dovut peress li s-socjeta` attrici kienet inkarigat lil Vito Aufieri personalment u mhix debitrici tas-socjeta` konvenuta.

**L-artikolu 1196** tal-Kodici Civili jipprovdi li "(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija".

Ma hemmx dubju li s-socjeta` konvenuta ghandha personalita` legali distinta minn dik ta' Vito Aufieri.

Li tispicca f'din il-kaz hija li l-Qorti hija sprovvista minn ftehim espress u akkordju car bejn il-kontendenti u ghalhekk, ikollha thares lejn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, senjatament ir-relazzjoni bejn il-partijiet, ix-xoghol taghhom, u fatti ohra li thoss li huma rilevanti.

Vito Aufieri kien impjegat mas-socjeta` attrici u, wara li gie terminat l-impieg tieghu, hu kompla jahdem fuq il-kuntratt mas-Saipem fuq talba tas-socjeta` attrici. Waqt il-kors tal-impieg tieghu, kien ukoll impjegat mal-Freight Services Limited u bejn iz-zewg kumpaniji kien hemm relazzjonijiet kummercjali.

Mario Ciantar xehed li kienu ftehmu ma' Aufieri personalment u wiehed jifhem li kienu inkarigaw lilu dwar ix-xoghol konness mal-kuntratt tas-Saipem u mhux lis-socjeta` Freight Services Ltd., dejjem matul l-impieg tieghu maghhom. Izda s-socjeta` attrici kienet ukoll konsapevoli li Aufieri kellu kumpanija tieghu, fl-istess linja ta' xoghol. Talbuh biex ikompli a bazi tal-fiducja li kellhom fih, almenu sakemm sabu sostitut.

Madanakollu l-preponderanza tal-fatti juru li l-arrangament ma kienx ma' Aufieri personalment ghaliex wara li spicca l-impieg, ma baqax jagixxi *de proprio* imma *tramite* l-

kumpanija tieghu gja` ezistenti u li kienet ilha topera ghal bosta snin.

Min-naha tieghu, Aufieri xehed li meta s-socjeta` attrici offriet li thallsu f'*cash* hu qal li dan ma kienx mehtieg peress li kien hemm kontijiet pendenti bejn iz-zewg socjetajiet u ghalhekk setghu jsiru l-kontijiet wara.[46] Dan ma giex kontradett mill-attur. Fil-fatt l-*invoices* ghax-xoghol prestat wara li spicca l-impieg inhargu dejjem mill-Freight Services Ltd. ukoll minghajr ebda kontestazzjoni da parti tas-socjeta` attrici. Aufieri xehed *inoltre*, li utilizza l-impjegati tal-kumpanija tieghu fit-twettiq tax-xoghol tas-Saipem fil-perjodu in kwistjoni. Harsa lejn il-korrispondenza esebita qabel ma nfethu il-proceduri wkoll juri li din giet skambjata bejn iz-zewg kumpaniji (Fol 325 sa 327).

Ghalhekk ghar-ragunijiet surriferiti l-Qorti hija tal-fehma li l-elementi rikjesti mill-artikolu 1196 et seq tal-Kodici Civili huma soddisfatti.

**Ikkonsidrat** fil-mertu, li s-socjeta` attrici qed tilmenta li s-somma mitluba hija eccessiva. Qabel xejn jigi rilevat li Aufieri spjega li l-ammont ta' Lm9,179 jirraprezenta kwantu ghal Lm5,382 *fees* ghax-xoghol inkluz *agency fees*, trasport u dokumentazzjoni. Minn dan hemm *disbursement* globali ta' Lm3,018, pustagg ta' Lm36, taxxa tal-Gvern ATS amontanti ghal Lm417, u VAT ta' Lm325[47].

Il-kontendenti esibew inkartament konsiderevoli in sostenn tal-pozizzjoni reciproka taghha, liema provi huma konfliggenti.

Dwar ftehim *o meno*, Aufieri stess ammetta li ma kienx hemm ftehim meta qal "*Qatt ma kien hemm xejn miftiehem ma' White Brothers lanqas fuq dokumenti, lanqas fil-passat, lanqas il-Lm45 a day, on call, lanqas kienet bhal affarijiet ohra. Pero` huwa xoghol li sar.*[48]" L-arrangament kien wiehed semplici - li Aufieri kellu jkompli

[46] Xhieda fol. 334-335 tal-process.
[47] Fol. 379
[48] Fol.380

jghinhom fix-xoghol tas-Saipem bhal ma' kien qed jaghmel qabel. In-natura tal-prestazzjonijiet mhix ikkontestata u lanqas il- perjodu (49 gurnata) filwaqt li rigward il-valur, il-partijiet ressqu provi konfliggenti. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti bilfors ghandha thares lejn l-arrangament li kellhom il-partijiet ghaliex hu ragjonevoli li wiehed jiddezumi li tacitu bejniethom kien hemm qbil li jkomplu bl-istess mod. Dan hu ammess *implicter* mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jistieden lill-Qorti biex thares lejn ic-cirkostanzi li fih intlahaq dan l-arrangament u l-*modus operandi* tal-partijiet ikkoncernati.

L-argument sollevat mis-socjeta` attrici li kellha ghalhekk tkompli tithallas skont l-istess rata ta' paga li kien jippercepixxi Aufieri m'ghandha ebda validita` legali ghaliex il-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu spiccaw malli ittermina il-kuntratt. Lanqas ghandu jigi kkonsidrat il-kalkolu *per diem* li ghamlet is-socjeta` attrici biex wasslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut qed jitlob "*Lm9 fis-siegha ghall-24 siegha*". Dan l-argument hu gratuwitu ghaliex ix-xoghol prestat minn appaltatur mhux bilfors ikun miftiehem fuq rata *per diem* imma jiddependi fuq is-servizz prestat.

Bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tilqa' it-tezi tas-socjeta` konvenuta li r-rata tinbidel skont il-persuna li qed thallas is-servizz jew li tista' b'xi mod, tirranga r-rati skont il-klijent. Kif qal tajjeb Mario Ciantar, huwa x-xoghol li hu rilevanti.

Rigward il-*fees* mitluba, ammontanti ghal €12,536.68 (ossia Lm5,382) is-socjeta` attrici mbaghad bidlet it-tezi taghha u sabet li l-ammont rejalment dovut huwa ta' €2,458.58 (Lm1,055.47). Dan waslet ghalih minn ezaminazzjoni tar-*records* mizmuma tas-servizzi prestati a bazi tal-arrangamenti li kienu ilhom jezistu bejniethom.

Il-Qorti ghandha hawn tosserva li ma kenitx impressjonata bil-*modus operandi* tas-socjeta` konvenuta fil-preparazzjoni tal-*invoices*. Jidher li l-*invoices* gew mahrugin f'daqqa, tardivament, fl-istess data, u f'cirkostanzi li pjuttost jaghtu x'jifhem li qabdet u hejjiethom

meta indunat li s-socjeta` attrici kienet ser tipprocedi f'din l-istanza.

Is-socjeta` attrici baqghet tinsisti li qatt ma rceviet *invoices* u dan jirrizulta anke mill-korrispondenza skambjata. Min-naha l-ohra. **Stephen Farrugia**, impjegat tas-socjeta` attrici, spjega fid-dettall u bir-reqqa l-procedura li kien juza ghall-istess xoghol u sahaq li t-transazzjonijet ghandhom jigu rigorosament "illoggjati". Hu xehed li kull fattura "jekk ma nawtorizzahiex jien m'ghandhiex tithallas." Hu qal "*Rajtha stramba li gew invojsed fl-istess gurnata ghax ahna parti mix-xoghol taghna huwa li ninvojsjaw lill-klijent - ma tista thalli xejn barra u trid taghmillu attachments ma' dik id-data*.[49] Dan kollu ma jaghti ebda konfort ghat-tezi tas-socjeta` konvenuta peress li jidher li l-*invoices* gew maghmulin fl-ahhar mhux biex jirriflettu rejalment dak li hu dovut, imma biex jinhareg ammont konvenjenti biex tilqa' ghall-pretensonijiet attrici. Fil-fatt meta wiehed jezamina, per ezempju, ir-rati mitluba fis-snin 1994 ghall-dokumentazzjoni, ssib rati ta' Lm5, Lm7.50 jew Lm10. Narament kien hemm *charge* ta' Lm20. Il-konvenut izda, fl-*invoices* mahrugin ghall-perjodu in kwistjoni, talab rata kostanti ta' Lm20, li hija l-oghla rata.

Is-socjeta` attrici, strahet u bbazat il-kalkoli taghha fuq il-prezz li Freight Services Limited kienet tikkwotalhom ghall-istess xoghol, u applikaw l-istess rati. Huma ipproducew bosta *invoices* tas-sena 1994 u r-rati hemm indikati, li, skont l-attur, ma nbidlux. Dan kien ikkontestat mis-socjeta` konvenuta li qed tippretendi, per ezempju, *agency fee* ta' €125.78 (Lm54) kuljum. Din il-kwantifikazzjoni m'ghandha ebda bazi fattwali ghajr li Aufieri kien qed ihares lejn ir-rata li s-socjeta` attrici ikkwotat lil Saipem. Hu stess eskluda li kien hemm ftehim f'dan is-sens.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ghandha thares lejn id-dinamika bejn il-partijiet. Kif gie rilevat ampjament, kien hemm negozju bejn iz-zewg socjetajiet u kien hemm *billing rates* stabbiliti. Meta, skont l-istess Aufieri, offrewlu

[49] Fol.280

li jithallas f'*cash,* hu stess irrefera ghall-kontijiet pendenti bejniethom u qal li l-konteggi jsiru fl-ahhar. Ma jirrizulta minn imkien li ghamel xi rizerva dwar xi prezz oghla jew differenti minn dak li kien gja` jitlob minghand is-socjeta` attrici u l-istess socjeta` kellha kull ragun li tistenna li kien ser ikompli jahdem bl-istess arrangament. Mhuwiex kredibbli li jippretendi li kien hemm ftehim anke tacitu li jithallas rata tant gholja li l-istess socjeta` attrici kienet ser titlef il-profitt li setghet taghmel.

**Illi ghalhekk hija iktar verosimili t-tezi tas-socjeta` attrici li l-ammont dovut, ikkalkolat a bazi tar-rati li kienu gja` stabbiliti fir-relazzjonijiet ezistenti bejn iz-zewg socjetajiet kummercjali jammonta ghal €2,458.58.**

Dwar *out of pocket expenses* **Mario Ciantar** xehed li l-kumpanija tieghu dejjem hallsithom direttament. Kien hemm diskrepanzi ohra li jirrizultaw. Per ezempju, rigward it-talba ghal Lm1801 (*Invoice* 16107[50]) dan l-*invoice* jirreferi ghall-perjodu antecedenti ghall-perjodu in kwistjoni, meta Aufieri kien ghadu impjegat mas-socjeta` attrici u ghalhekk mhix parti minn din il-vertenza li tirreferi ghall- prestazzjonijiet bejn Dicembru 1998 u Jannar 1999. Difatti dan l-*Invoice* hu mahrug fil-31/12/1998 ghall-perjodu minn Marzu sa Novembru 1998 u jghid "*Vito Aufieri using own company car - Lm1,801.44."*

Dwar *Invoice* 16108 fl-ammont ta' Lm1512, dan jirreferi ghall-*24 hour agency fee* bir-rata ta' Lm54 kuljum ghall-perjodu mit-3 ta' Dicembru sal-31 ta Dicembru 1998 li fi kliem Aufieri stess, ma jirrizulta minn ebda ftehim.

Dwar *Invoice 16104,* dan jirreferi ghall-kera ta' *mobile phone* ghax-xhur *Feb - Aug 1998* meta allura kien impjegat mas-socjeta` attrici,[51] u hu antecedenti ghall-perjodu mertu ta' din il-kawza.

**FRODI**

---

[50] Fol 635
[51] Fol. 630

Illi din il-Qorti ma tistax tinjora l-izvolgiment tal-provi li tressqu quddiemha li juru minghajr dubju li Aufieri kien jircievi *commissions ad insaputa* u a detriment tas-socjeta` attrici, mid-ditta SMS Limited, fuq ix-xoghol li kien jaghmel mas-*Saipem* u fil-perjodu in kwistjoni. Dan sehh *tramite* socjeta` paraventu bl-isem Transworld Logistic Services.

Dan johrog car mix-xhieda ta' Bernard Sultana, direttur tas-socjeta` SMS Limited u xhud indipendenti mill-partijiet, li xehed minghajr tlaqliq u fuq responsabbilta` tieghu li Transworld Logistics kien jezisti u warajh kien hemm Mr. Vito Aufieri u persuna ohra, Mr. Simiana (ex impjegat tas-socjeta` attrici li rrizulta li kien gie eventwalment imkecci mill-impieg tieghu). L-ammont komplessiv imhallas lil din is-socjeta` kien ta' Lm5,981. Jirrizulta li fuq il-*complimentary slip*[52] tas-socjeta` hemm in-numru tat-telefown ta' Aufieri kif ukoll li l-indirizz muri hu ta' proprjeta` tieghu. Kien l-istess Aufieri li ta istruzzjonijiet lis-socjeta` SMS biex il-*credit notes* johorguhom fuq it-Transworld Logistics.[53]

*Di piu`*, filwaqt li Aufieri gawda minn dawn il-*commissions,* SMS kienet iddahhalhom fl-*invoices* li kienet tibghat lis-socjeta` attrici. B'hekk jirrizulta li s-socjeta` attrici hallset hi tal-krediti u *commissions* li gawda Aufieri ghax-xoghol li suppost kien qed jaghmel ghal White Brothers Limited.

Din il-Qorti zgur ma tistax tilqa' bhala verosimili l-posizzjoni ta' Aufieri li ma seta' jaghti ebda spjegazzjoni ghajr li kien hemm diskors ma' Simiana biex iwaqqfu s-socjeta` imsemmija izda ma jafx kif in-numru u ndirizz ta' hanut tieghu spiccaw fuq *complimentary slip* tas-socjeta`. Ukoll sahansitra kkontradixxa ruhu meta xehed li l-ewwel darba li ra l-*letterheads* kien meta kien ghadu impjegat mal-White[54] izda qaleb id-diskors u qal li rahom fis-seduta "*ma jidhirlix li rajthom qabel.*"[55]

---

[52] Esebit a fol. 803.
[53] Xhieda Bernard Sutana a fol. 384
[54] Fol. 834
[55] Fol. 835.

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tindaga dwar il-persuni l-ohra li ssemmew li setghu kienu konvolti f'din il-facenda. Is-socjeta` attrici ma hadet ebda passi civili jew kriminali f'dan ir-rigward. Madanakollu ma tistax tiskarta dawn il-provi fil-konfront ta' Aufieri u tas-socjeta` konvenuta. Il-principju *fraus omnia corrumpit* huwa principju ta' ordni pubbliku u tajjeb tikkontendi s-socjeta` attrici li din il-Qorti ghandha tapplikah u tassigura s-socjeta` konvenuta ma tkunx vantaggjata bhala rizultat tat-turpiduni taghha. Il-fatt li hawn si tratta ta' frodi jew agir in *mala fede* kommess minn Vito Aufieri personalment, xorta wahda ma thallihx jinheba wara l-personalita` distinta tas-socjeta` tieghu ghaliex il-persuna kien uniku. Min jagixxi bi frodi ma jistax jinheba wara xi *corporate veil.*[56]

Riferenza qed issir ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia *senior et nomine*"** (P.A. (GCD) 12 ta' Ottubru 1995):-

"*Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'.*

Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma. Jidher car li Vito Aufieri kien kopartecipi f'agir frawdolenti ipprattikat b'mod organizzat kemm fuq SMS Ltd kif ukoll bi hsara u pregudizzju ghall-White Brothers Limited, u dan f'somma komplessiva konsiderevoli ta' €13,931. Jekk it-talbiet rikonvenzjonali jigu milqugha, Aufieri effettivament ikun thallas darbtejn tal-istess xoghol, u b'hekk jigbed vantagg mit-turpitudini tieghu. Jigi osservat li l-ammont komplessiv tal-*commissions* jeccedi l-bilanc li jibqa' favur is-socjeta` konvenuta wara li tnaqqas il-kreditu tas-socjeta attrici li kieku kellha tigi ammessa t-talba tal-konvenuta fl-*intier* taghha.

---

[56] Vide principju kif applikat minn din il-Qorti fil-kawza "HSBC Bank plc vs Fenech Estates Ltd et", deciza fid-19 ta' Jannar, 2000, u fil-kawza "Borg noe vs Carbone noe" deciza fit-30 ta' Mejju, 2002).

Izda a bazi tal-provi prodotti, tal-arrangamenti bejn il-partijiet, u tax-xhieda moghtija, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont rejalment dovut lis-socjeta` konvenuta hu ta' €2,458.58. Fic-cirkostanzi ebda ammont m’ghandu jitnaqqas mill-kreditu tas-socjeta` attrici *stante* li dan l-ammont gja thallas lil Vito Aufieri f'*commissions* illegali.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu michuda fl-*intier* taghhom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **Tilqa'** it-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Freight Services Limited sabiex thallas lis-socjeta` White Brothers Limited is-somma ta' €13,328.20 flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv filwaqt li **Tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u t-talbiet Rikonvenzjonali tas-socjeta` konvenuta u **Tilqa'** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata.

L-ispejjez kollha jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta - inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata s-16 ta' Settembru 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru pprezentati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------